



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12576/18

CDR 137

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/

ta' ...

**li taħtar membru u membru supplenti,
proposti mir-Renju ta' Spanja,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116¹, 2015/190² u 2015/994³ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fit-18 ta' Lulju 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1203⁴, is-Sur Francesc HOMS i MOLIST għie sostitwit mis-Sur Jordi SOLÉ i FERRANDO bħala membru u s-Sur Roger ALBINYANA i SAIGÍ għie sostitwit mis-Sur Amadeu ALTAFAJ i TARDIO bħala membru supplenti. Fis-27 ta' Marzu 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/602⁵, is-Sur Jordi SOLÉ i FERRANDO għie sostitwit mis-Sa Maria BADIA i CUTCHET bħala membru.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Maria BADIA i CUTCHET, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Amadeu ALTAFAJ i TARDIO, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1203 tat-18 ta' Lulju 2016 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni. (ĠU L 198, 23.7.2016, p. 44.)

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/602 tas-27 ta' Marzu 2017 li taħtar membru, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemml il-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membru:

- Is-Sur Ernest MARAGALL i MIRA, *Consejero de Asuntos Exteriores, Relaciones Institucionales y Transparencia de la Comunidad Autónoma de Cataluña,*

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sa Natàlia MAS GUIX, *Secretaria de Asuntos Exteriores y de la Unión Europea de la Comunidad Autónoma de Cataluña.*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fī Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President